# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DEĊIŻJONI PRELIMINARI NRU 1607

Każ Nru 2244/FM

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

Amanda Jane Saliba

u

Hal Ferh Company Ltd (C3512)

dwar tkeċċija mill-impieg allegata
li hi nġusta

Data: 25 ta' Mejju 2005

**Chairman: Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-każ tressaq permess ta' rikors mill-Avukatessa Marvic DeBarro f'isem Amanda Jane Saliba fl-10 ta' Jannar 2005 fejn ġie allegat li l-Appellanti kienet ġiet liċenzjata fis-26 ta' Novembru 2004 minn mas-soċjetà Hal Ferh Company Ltd għal raġuni li la kienet tajba u lanqas suffiċjenti. Il-Kumpanija Appellata li kienet rappreżentata mis-Sur Lawrence Mizzi, assistit mill-Avukat Andrew Borg Cardona innegat dan.

Fuq suġġeriment tat-Tribunal u bi qbil bejn il-partijiet dan il-każ instema kontemporanjament mal-Każ Nru 2243/FM (Doris Hili vs Hal Far Company Ltd) peress li kellu provi kommuni u l-merti kienu l-istess.

Inżammu erba' seduti.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad li minħabba nuqqas ta' infrastruttura xierqa kif ukoll għal raġunijiet li hemm riferenza għalihom fl-atti tal-każ ma kienx possibbli li tingħata deċiżjoni fiż-żmien stipulat fl-istess Artikolu.

## 2. Fatti tal-Każ

L-Appellanti li kienet taħdem bħala *chambermaid* mal-Kumpanija Appellata kienet ġiet liċenżjata fis-26 ta' Novembru 2004. Il-Kumpanija Appellata irritjeniet li l-impieg tal-Appellanti kien wieħed għal żmien definit u għaldaqstant it-Tribunal Industrijali ma kellux ġurisdizzjoni biex jaqta' dan il-każ. Jekk jinġieb l-argument illi dan jaqa' taħt il-provvedimenti tal-Avviż Legali 429 tal-2002 xorta ma japplikax għax l-Appellanti ma kienitx ilha taħdem erba' snin. Jekk l-impieg li kellha l-Appellanti jiġi dikjarat li kien impieg għal żmien indefinit xorta t-Tribunal Industrijali ma kellux ġurisdizzjoni fuqu peress illi t-terminazzjoni tal-impieg saret għal raġuni ta' *redundancy* peress illi l-azjenda ma għadiex topera. Ma' tul is-smigħ tal-każ il-Kumpanijja Appellata irtirat l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni fuq il-punt ta' impieg definit.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Peress illi kien hemm diversi eċċezzjonijiet preliminari t-Tribunal iddeċida li l-ewwel jikkonsidra jekk l-Appellanti kelliex fil-fatt impieg għal żmien definit jew indefinit. Irriżulta mill-provi illi l-Appellanti ħadmet l-ewwel darba mal-Kumpanija Appellata fis-sena 2000 u kienet ħadmet diversi drabi oħra kif jidher hawn: (1) mil-14 ta' Awwissu 2000 sat-16 ta' Novembru 2000, (2) mill-15 ta' Frar 2001 sal-15 ta' Novembru 2001, (3) mid-19 ta' Frar 2002 sal-31 ta' Diċembru 2002, (4) mill-26 ta' Frar 2003 sas-16 ta' Jannar 2004, (5) mis-26 ta' Marzu 2004 sas-26 ta' Novembru 2004.

L-Avviż Legali Nru 429 tal-2002 li ġie in vigore fl-1 ta' Jannar tal-2003 jippreskrivi Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Terminu ta' Żmien Fiss. Dan jgħid li impieg jiġi kunsidrat bħala wieħed indefinit jekk meta jkun meħud ma' kuntratt għal perijodu ta'żmien fiss qablu jaqbeż perijodu ta' erba' snin.

Fil-każ in eżami il-perijodu li ma' tulu l-Appellanti ħadmet mal-Kumpanija Appellata fil-fatt jaqbiżhom l-erba' snin. Iżda l-pern tal-kwistjoni kollha, u din ġiet trattata mill-partijiet, huwa jekk effettivament l-provvedimenti tal-Avviż Legali Nru 429 tal-2002 bdewx jgħoddu mill-bidu tas-seħħ tal-Avviż Legali jew għandhomx jieħdu in konsiderazzjoni l-kuntratti tax-xogħol preċedenti.

Ġeneralment, b'eċċezzjonijiet rari, liġijiet ma jkollomx effett retroattiv, *lex non habet oculos retros.* Jekk il-leġislatur għal xi raġuni jew oħra jħoss li irid ikun hemm retroattività din tinżel ċara fil-liġi biex jiġu evitati ekwivoċi. Eżempju ċar ta' dan huwa l-Avviż Legali 425 tal-2002 li ġie pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-31 ta' Diċembru 2002 iżda li jistipula b'mod ċar li d-disposizzjonijiet li hemm fih ikunu daħlu fis-seħħ retroattivament fis-27 ta' Diċembru 2002.

Meta l-Appellanti u l-Kumpanija Appellata daħlu f'kuntratt ta' xogħol li jirriżulta li kien meqjuż bħala wieħed għal żmien definit ma jidhirx li kien hemm kontestazzjoni fuq it-terminu tiegħu u għalhekk kull kuntratt ta' xogħol li sar qabel ma daħal fis-seħħ

l-Avviż Legali ċitat meta kull kuntratt ta' xogħol skada l-vinkolu kontrattwali intemm. L-istess irid jingħad għall-aħħar tliet kuntratti. Iżda għal dawn it-tlieta kienu japplikaw ir-regolamenti ġodda preskritti fl-Avviż Legali msemmi. Iż-żewġ partijiet daħlu għall-kuntratt b'għajnehom miftuħa in konformità mal-liġijiet viġenti.Huwa veru li waqt il-ħajja tat-tielet kuntratt tbiddlet il-liġi u t-Tribunal huwa tal-opinjoni li peress il-liġi tbiddlet waqt il-ħajja ta' dan il-kuntratt għandu jipprevali dak li jitlob l-Avviż Legali 429 tal-2002. Għaldaqstant meta intemmu dawn it-tliet l-kuntratti l-Appellanti kien baqalha drittijiet residwi li setgħet tagħmel użu minnhom jekk il-kundizzjonijiet stipulati fl-Avviż Legali kellhom iseħħu fil-futur.

## 4. Deċiżjoni Preliminari

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi preliminarjament illi l-impieg tal-Appellanti Amanda Jane Saliba mal-Kumpanija Appellata kien wieħed għal perijodu definit. Jordna d-differiment tal-każ ghal data li trid tiġi maqbulha mal-partijiet għat-trattazzjoni fuq l-eċċezzjonijiet l-oħra sollevati mill-Kumpanija Appellata.

Franco Masini
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja